**Qorti tal-Maġistrati (Ghawdex)**

**Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Brigitte Sultana LL.D, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**Illum l-03 ta' Awwissu, 2020**

Kawża numru: 30/2020

Il-Pulizija

(Spettur Bernard Charles Spiteri u

Spettur Roxanne Tabone)

Vs

Francesco Echegoyen Visus

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Francisco Echegoyen Visus ta' 41 sena, iben Javier u Juana Mari Visus, mwieled Papolana, Spanja, fit-27 ta' Settembru 1978, u residenti 70, Triq il-Knisja, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' Spanjola 44627311C, akkuzat li:

**Fit- 2 ta' Awwissu 2020 ġewwa lukanda Kempinski, Triq ir-Rokon, San Lawrenz;**

1. **Ikkommetta att ta' natura sesswali mingħajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti kkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli 198 sa 206, it-tnejn inklużi, tal-Kodiċi Kriminali, liema att sar fuq "omisses", mwieled fil-25**

**ta' Settembru 2002 u dan bi ksur tal-artikolu 207 ta' Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**2. Talli fl-istess ċirkostanzi ġab ruħu b'mod li ta' fastidju lil "omisses", mwieled fil-25 ta' Settembru 2002 u dan bi ksur tal-artikolu 251A (1) (a) ta Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**3. Aktar talli fl-istess ċirkostanzi kien jaf jew imissu kien jaf li kien ta' fastidju għal "omisses", mwieled fil-25 ta' Settembru 2002 u dan bi ksur tal-artikolu 251A (1) (b) ta' Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**4. Aktar talli fl-istess ċirkostanzi ssoġġetta lil "omisses," mwieled fil-25 ta'Settembru 2002 għal xi att ta' intimità fiżika u dan bi ksur tal-artikolu artikolu 251A(1)(c) Kap 9.**

**5. Aktar talli fl-istess ċirkostanzi ssoġġetta lil "omisses" mwieled fil-25 ta' Settembru 2002 għal xi att u, jew imġieba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u,**

**jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolment jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u jew intimidatorji lejha u dan bi ksur tal-artikolu artikolu 251A(1)(c) Kap 9.**

**Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skond il-liġi, jekk jidrilha xieraq jgħogobha tordna ħruġ ta' ordni ta' trattament skond l-Art 412 D ta' Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-vittmi "omisses", mwieled fil-25 ta' Settembru 2002;**

**Il-Qorti intalbet ukoll tohroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori**

**tal-kawża kif ukoll f'każ ta' htija ma' kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.**

Il-Qorti:

Rat illi Dr. Alfred  Abela talab li jiġi ammess bhala parte civile f'dawn il-proċeduri u l-Qorti laqgħet it-talba.

Rat illi billi l-imputat huwa ta' nazzjonalita Spanjola il-proceduri ġew tradotti simultanjament bil-lingwa spanjola minn interpertru preżenti fl-awla.

Rat li matul is-seduta tat-03 ta' Awissu, 2020 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament;

Rat illi il-parte ċivile bi qbil ma l-avukat difensur ta' l-akkużat ivverbalizzaw li ma hemmx provi rigward l-ewwel akkuża u li l-prosekuzzjoni irrimettiet ruħha.

Fid-dawl ta' dan rat li matul eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra miġjuba kontra tiegħu. Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi.

Wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenża tal-konsulent legali tiegħu u wara li kkonferixxa miegħu anke barra mill-awla, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati tat-tieni, it-tielet, ir-raba u l-ħames imputazzjonijiet.

**Ikkunsidrat**

In kwantu għall-piena din il-Qorti qegħda tieħu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat, l-ammissjoni bikrija u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

**Decide**

Għaldaqstant il-Qorti wara illi rat l-Art. 251A(1)(a), 251A(1)(b), 251A(1)(c) u 251A(1)(e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara l-ammissjoni ta' l-akkużat issib lil akkużat Francisco Echegoyen Visus ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tikkundannah għal sentejn (2) ħabs li bl-applikazzjoni ta' l-Art. 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta huma sospizi għal perjodu ta' tlett (3) snin.

Inoltre sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' "omisses" din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 412C u 382A tal-Kodici Kriminali tordna li jinhareġ ordni ta'

protezzjoni u trazzin kontra l-imputat skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma’ din is-sentenza, liema ordni qegħda ssir għal perjodu ta’ tliet snin millum. Għal kull buon fini l-Qorti fissret lill-imputat bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li huwa jkollu jaffaċċja fil-każ li huwa ma jottemperax ruħu mal-kundizzjonijiet imposti fuqu bl-ordnijiet hawn fuq imsemmija.

Il-Qorti tordna wkoll id-divjiet fuq il-publikazzjoni ta’ isem il-vittma minħabba l-eta tiegħu.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur